Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI TAS-SITTA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA’ KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 13 ta’ Awwissu 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.09am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa ta’ nhar il-Ħamis 24 ta’ Lulju 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li *f’Item 2 para 5* jiġi jinqara “ *Fuq dan il-kaz minħabba possibilment kunflitt ta’ interess, il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li s-Sindku ma jipparteċipax fid-diskussjoni. Is-Sindku qal li fil-laqgħa ta’ qabel ma kienx preżenti f’dik id-diskussjoni u lanqas mhux ser jieħu fiha issa”*. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Cleansing Department* ser jibdew jagħmlu t-tindif f’Wesgħa Profs Guze’ Aquilina.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab lill-Kunsill li rridu nindirizzaw il-problema tar-rimi ta’ skart fejn il-bring in sites.

Is-Sindku fuq din il-problema qal li quddiemu l-Kunsill għandu żewġ alternattivi waħda hi li jitneħħew dawn il-bring in sites jew jitwaħħlu CCTV cameras biex isir l-infurzar. Din tal-aħħar iġġib magħha spiża kapitali.

Il-Kunsilliera kollha qabblu li dawn ma għandhomx jitneħħew u għalhekk talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ sejħa għall-installazzjoni ta’ CCTV cameras madwar il-bring in sites u l-playing field.

Il-Kunsillier staqsa jekk hux il-kaz li jitwaħħal signage quddiem il-bring in sites. Il-Kunsill jemmen li dawn mhux ser ikollhom effett mixtieq.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-WSC ser jirranġaw il-ħsarat li għamlu fi Sqaq Sta. Marija Nru.1 meta sar it-*trenching.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-talba lill-Joint Office biex terġa’ tiġi kkunsidrata l-art li hemm f’Wesgħa Profs Guże’ Aquilina biex tiġi devoluta lill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fir-rigward ta’ installazzjoni ta’ solar panels fuq iż-zebra crossings li hemm fil-pjazza huwa kellem lis-Segretarju Eżekuttiv ta’ Attard li kienu għamlu xi ħaġa simili fejn ġie infurmat li lilhom kienu swielhom € 850-il par.

Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ sejħa ta’ kwotazzjoni għal dan it-tip ta’ installar ta’ solar panels fuq zebra crossings.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4224**: Talba mingħand il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex tittieħed azzjoni fil-konfront ta’ dawk ir-residenti, fejn siġar li jinsabu fi propjeta privata tagħhom mhux qed jiġu miżbura bil-konsegwenza li qed jostakolaw il-bankini minħabba dan.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jiġbor informazzjoni ta’ dawk ir-residenzi fejn is-siġar tagħhom qed jostakolaw u tintbagħat nota biex jieħdu azzjoni. Wara 15-il ġurnata jekk ma tkunx ittieħdet azzjoni tintbagħat ittra formali biex jieħdu azzjoni fi zmien 7 t’ijiem u f’każ li ma jottemporawx issir l-infurzar permezz tal-pulizija.

**Ittra Nru. 4223**: Talba mingħand Melita Gardens fejn ġew installati xi dwal dekorattivi mal-faċċata tal-istabbiliment u qed jitlob li l-Kunsill japplika ma’ Enemalta għad-dawl. Il-Kunsill approva.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Ilment Nru 17014064213287**: Talba mingħand is-Sur Valent Muscat ta’ 163, Triq il-Wied biex isiru linji sofor quddiem il-garaxx tiegħu. Il-Kunsill ser japplika ma’ Transport Malta.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Quarter Financial Report minn April sa Ġunju

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru (mehmuż). Preżenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill biex jagħti spjegazzjoni u jirrispondi xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur April sa Ġunju 2014 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**5 Komunikazzjoni tas- Sindku**

Is-Sindku qal li prijorita' tal-Kunsill għax-xhur li ġejjin ser tkun ix-xogħoljiet fuq Triq Guze' Bonnici u staqsa lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara fuq l-attivita' ta' Lejla Interkulturali Balzanija.

Il-Kunsillier Zammit Marmara u l-Viċi Sindku J.Galea taw xi informazzjoni fuq il-preparamenti li għaddejjin bħalissa fuq din l-attivita'.

**6 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' petty cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-13 ta' Awwissu 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 5,700.24.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**7 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Viċi Sindku Joe Galea informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-attivita' mill-Kunsill Malti għall-Isports- Move Week, il-lokalita' ta' Ħal Balzan ma tistax tieħu sehem għar-raġuni li ser taħbat ma' attivitajiet oħra f'dik il-ġimgħa.

Il-Kunsillier Stephen Gatt irrimarka li ġo Triq Papa Alessandro VII meta jiġi t-trakk taż-żibel jiġbor qed jinġabru l-boroz kollha f'kantuniera bil-konsegwenza li qed iħallu traċċi ta' ħmieġ u irwejjaħ warajhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikellem lill-Kuntrattur.

Il-Kunsillier Stephen Gatt ġibed l-attenzjoni li meta jinġabar il-ħġieġ, il-kontenituri qed jitħallew barra mir-residenti jew stabbilimenti u dan mhux sew.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 3 ta' Settembru 2014 fid-9.00am.

| | |
|---|---|
| **Dr. John Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data